**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 29 ta' Novembru 2018**

Numru 7

**Appell Nru. 22/2018**

**Joe Tabone ghan-nom ta' Access Ltd**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joe Tabone nomine tat-30 ta' April 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-10 ta' April 2018 li biha iddecieda li l-appell hu ezawrit u astjena milli jkompli jiehu konjizzjoni tal-appell;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposti tat-terzi interessati li ssottomettew li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

> Illi dan l-appell jikkoncerna proposta biex jiggedded il-permess PA1307/07, fejn dan ta' l-ahhar kien inhareg minn l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fit-18 ta' Jannar 2011 ghal 'proposed additional floor to approved (PA6506/01 & PA936/05) and proposed alterations to approved floors' fuq sit f'zona maghrufa bhala tal-Fjuri f'San Pawl il-Bahar.
>
> Kien gie intavolat appell minn terzi fir-rigward tal-permess PA1307/07, u li kien intlaqa' limitament minn Tribunal diversament kompost skont decizjoni tat-2 ta' Gunju 2016. B'din id-decizjoni, it-Tribunal diversament kompost ordna li jithassar il-permess mahrug fit-18 ta' Jannar 2011 minn l-Awtorita', u ghalhekk fuq il-bazi ta' din id-decizjoni l-Awtorita' irrifjutat it-tigdid ta' l-istess permess minhabba li din giet imhassra mit-Tribunal.
>
> Id-decizjoni tat-Tribunal diversament kompost giet annullata permezz ta' zewg decizjonijiet mill-Qorti tal-Appell moghtija fit-23 ta' Novembru 2016, fejn il-Qorti ddecidiet illi tibghat lura l-atti lil dan it-Tribunal biex jerga' jiddeciedi l-appell mill-gdid.
>
> F'decizjoni li qieghed jaghti dan it-Tribunal illum stess, it-Tribunal qieghed ihassar il-permess PA1307/07 (f'Appell numru 40/11).
>
> Konsegwentament dan l-appell huwa ezawrit u qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti:

1. It-Tribunal uza d-decizjoni moghtija fl-appell 40/11 LM bhala l-bazi legali ghad-decizjoni odjerna meta ma kinitx ghadha res judicata billi giet appellata quddiem il-Qorti tal-Appell flimkien ma' dan l-appell, ghalhekk id-decizjoni tat-Tribunal kienet intempestiva.

Dan l-aggravju ma fih ebda mertu billi t-Tribunal iddecieda dan l-appell a bazi tal-applikazzjoni fil-mertu. La darba l-applikazzjoni fil-mertu gie michud, isegwi li l-appell ghat-tigdid tal-istess ma jistax jigi milqugh. B'daqshekk ma jfissirx li d-decizjoni tat-Tribunal kienet intempestiva. Kellu jiddeciedi a bazi ta' dak li kellu quddiemu pero dejjem soggett ghal appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Ma kienx jaghmel sens li t-Tribunal jastjeni milli jiddeciedi fuq il-proroga biex jistenna ezitu ta' appell fuq il-mertu

tal-applikazzjoni, meta fiz-zmien li ta d-decizjoni tieghu kontestwalment ma' dik fuq il-mertu, ma kellux hjiel li ser ikun hemm appell fuq il-mertu tal-applikazzjoni. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-aggravju hu infondat ghall-ahhar. Ma' dan jizdied li kieku intlaqa' l-appell fil-mertu tal-appellant kienet terga' tinfetah il-kwistjoni fuq il-proproga u ebda pregudizzju ma kien ser ibati l-appellant.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-10 ta' April 2018. Spejjez ghall-appellanti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur